NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi
IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

Nru. 412. April 2011

# Eklissi tad-dnub

*Waqt pellegrinaġġ penitenzjali djoċesan li sar fil-parroċċa ta' Kerċem nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2011, fl-omelija l-Isqof Mario Grech wassal dan il-messaġġ:*

Qed ngħixu f'epoka fejn tlifna t-tifsira tad-dnub. Billi l-eklissi tad-dnub hija proporzjonata mal-eklissi ta' Alla, fis-sens li daqskemm soċjetà tkun warrbet lil Alla, daqshekk ieħor tiftaqar fis-sens tad-dnub, ir-Randan huwa żmien tajjeb biex l-Insara jerġgħu lura għand Alla u jiskopru l-ġmiel ta' wiċċu li deher fi Kristu Feddej. Mingħajr Alla, joktor id-dnub u tikber it-tbatija.

Skont il-Katekiżmu tal-Knisja, id-dnub huwa offiża kontra r-raġuni umana. Imżejjen bir-raġuni, il-bniedem suppost jiskopri "miktuba f'qalbu" l-liġi naturali. Jekk huwa jagħżel li jinjora jew imur kontra dak li tiddettalu l-liġi naturali, l-għażliet tiegħu jkunu ħżiena.

Id-dnub huwa offiża diretta lil Alla meta l-bniedem b'mod konxju u ħieles jikser il-liġi tiegħu kif waslitilna fil-Kotba Mqaddsa u mfissra mill-Knisja. Kristu jgħallem li min irid jidħol fil-ħajja ta' dejjem, għandu jħares il-kmandamenti, fosthom dawk li jipprojbixxu l-gidba u l-adulterju.

F'għajnejn Alla l-adulterju jibqa' dnub, anke jekk dan ikun protett mil-liġi tal-bnedmin.

Kif għidna fl-aħħar Ittra Pastorali, Alla jirrispetta r-rieda ħielsa tal-bniedem u tibqa' responsabilità tal-bniedem jekk jagħżilx it-triq ta' Alla jew it-triq kif jifhimha hu li tbiegħdu mit-triq ta' Alla. Alla mhux biss jagħti din ir-responsabilità lill-bniedem, iżda jistaqsih għaliex ma jkunx wettaq il-pjan tiegħu.

Dan japplika wkoll meta nitkellmu dwar l-istabilità taż-żwieġ. In-Nisrani jrid jagħti tweġiba u kont lil Alla jekk ikunx mexa fuq il-pjan tiegħu fil-ħolqien għal għaqda sħiħa bejn raġel u mara li jsiru "ġisem wieħed", jew jekk ikunx favur it-tkissir ta' din l-għaqda permezz tad-divorzju.

Il-possibilità li l-bniedem jidneb, timbuttah biex jikber fil-virtù tad-dixxerniment billi qabel jieħu xi deċiżjoni huwa jiżen, iqis u jgħarbel sewwa t-tajjeb mill-ħażin. Din ir-responsabilità ma nistgħu niddelegawha lil ħadd, imma kull wieħed irid jerfagħha hu personalment. Kull bniedem irid iwieġeb quddiem Alla għal għemilu.

Għall-bniedem li jidneb Kristu tana s-sagrament tal-Penitenza, li barra li huwa forġa li taħraq id-dnub, huwa okkażjoni ta' "evanġelizzazzjoni personalizzata" u strument tal-grazzja li tgħin lill-bniedem jagħmel it-tajjeb.

Anke jekk ir-roqgħa tal-ħażen tinfirex, in-Nisrani xorta qatt ma għandu jaqta' qalbu għaliex hija possibbli l-"mistika tad-dnub", fis-sens li meta l-ħajja tal-midinbin tkun tant ħżienet illi tmiss il-qiegħ, huma jindunaw bil-vojt u jibdew ifittxu t-tajjeb, il-veru u l-ġmiel li hemm f'Alla.

---

## APPUNTAMENTI SPEĊJALI

### KONFERENZA DWAR IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA

Is-Sibt 2 ta' April 2011
Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika fil-5.30pm
*Kelliem: Fr Joseph Mizzi, Direttur Moviment ta' Kana*

### EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN F'MALTA

Mit-Tnejn 4 tal-Ġimgħa 8 ta' April 2011
Kappella tal-Università - 8.00pm
*Kelliem: Mons Isqof Mario Grech*

### EŻERĊIZZI TAR-RANDAN GĦALL-PROFESSJONISTI U L-GRADWATI

Mit-Tnejn 4 tal-Ġimgħa 8 ta' April 2011
Knisja ta' Santu Wistin fit-8.30pm
*Kelliem: Dun Michael Bugeja*

### VIA CRUCIS DJOĊESANA FUQ L-GĦOLJA TA' GĦAMMAR

Il-Ħadd 15 ta' April 2011 fis-6.00pm
*Imexxi Mons Isqof Mario Grech*

# Kalendarju Pastorali
# April – 2011
# Numru 412

| | |
|---|---|
| 1.Ġimgħa | *Sports Day* għall-istudenti tal-Iskejjel Primarji tal-Knisja. |
| 2.Sibt | NOFS TA' NHAR **SEMINAR DWAR IL-VOLONTARJAT FIL-FESTI** organizzat mill-Kummissjoni Festi Esterni (Dar l-Arka – 9am).<br>**KONFERENZA DWAR IŻ-ŻWIEĠ U L-FAMILJA** (Dar Ċentrali tal-AK – 5.30pm).<br>Lectio Divina għaż-żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30pm - KDŻ).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina - 8.00pm) |
| 3.Ħadd | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan**. Messalin sena A.<br>Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali tal-A.K. - 8.30am). |
| 4.Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona Ċ (Xewkija - 4.00pm). |
| 4 - 8 | Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Università – 8.00pm) / Eżerċizzi tar-Randan għall-Gradwati u Professjonisti (Santu Wistin – 8.30pm) |
| 5 - 7 | Irtir tar-Randan għas-Saċerdoti (Dar Maresa – Predikatur Fr. Eddie Mercieca S.J.). |
| 6.Erbgħa | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 7.Ħamis | Is-17-il dehra tal- B.Verġni Marija ġewwa Lourdes /Jum Dinji tas-Saħħa (NU). |
| 9.Sibt | Lectio Divina għaż-żgħażagħ (Dar Nazaret – 8.30pm - KDŻ)<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju, Victoria- 8.00pm) |
| 10.Ħadd | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan.** Messalin sena A.<br>**VIA CRUCIS DJOĊESANA** fuq l-Għolja t'Għammar (6.00pm).<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm). |
| 11.Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona D (Knisja Nazzarenu, Xagħra - 4.00pm). |
| 11-14 | Eżerċizzi għall-Persuni Separati (Manresa - 8.00pm - KDF). |
| 13.Erbgħa | Laqgħa KKSK (Seminarju) / Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 7.00pm). |
| 15.Ġimgħa | Il-Verġni Mqaddsa Marija tad-Duluri – Festa ta' devozzjoni. |
| 16.Sibt | Via Sagra Djoċesana għaż-Żgħażagħ (Għolja t'Għammar 6.30pm – KDŻ) / IKLA TAL-MULEJ organizzata mil-Leġjun ta' Marija għaż-żgħażagħ (kuntatt: Stefan Grech 99877670).Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Vic - 8.00pm). |
| **17.Ħadd** | **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Messalin sena A / Jum iż-Żgħażagħ fid-Djoċesi. |
| 19.Tlieta | **Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.**<br>Is-Sitt Anniversarju mill-ħatra tal-Papa Benedittu XVI. Isir Talb speċjali għall-Papa. |
| 21.Ħamis | **Ħamis ix-Xirka.** Fil-Katidral issir il-**Quddiesa tal-Griżma** li fiha jitbierku ż-żjut Imqaddsa u s-saċerdoti jġeddu l-Wegħdiet Saċerdotali tagħhom (9.00am).<br>Ikla għas-Saċerdoti kollha tad-djoċesi (Sala tas-Seminarju, Victoria. 11.30am).<br>Fil-għaxija fil-knejjes issir it-**Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej**. Issir **Ġabra għad-Djoċesi.** |
| 22.Ġimgħa | **Il-Ġimgħa l-Kbira** (obbligu tas-Sawm u l-Astinenza).**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej**. |
| 23.Sibt | **Is-Sibt Qaddis tal-Għid**. Issir is-Sahra tal-Għid.<br>Is-Siegħa tal-Omm, Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju Ta' Pinu (9.00am). Bil-lejl issir il-**Velja tal-Għid**.<br>(Liturġija ta' San Ġorġ Martri trasferita għall-Ġimgħa 6 ta' Mejju.) |
| 24.Ħadd | **Il-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.** Jibda t-Tberik tal-Familji.<br>Is-Sitt anniversarju tal-Bidu tal-Pontifikat tal-Papa Benedittu XVI.<br>Films għall-familja (Oratorju Don Bosco, Victoria - 5.30pm) |
| 25-30 | Ottava tal-Għid. |
| 28.Ħamis | Quddiesa għall-persuni separati (Manresa – 8.00pm - KDF) |
| 29.Ġimgħa | Laqgħa għall-Persuni f'relazzjoni barra miż-żwieġ (Dar Nazaret – 8.00pm - KDF). |
| 30. Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati (Kerċem - 7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet- 8.00pm). |

P.T.O.